



Brussell, 12 ta' Meju 2026
(OR. en)

8931/26
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0060 (NLE)

RECH 207
RELEX 601

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Nru. dok. preċ.: 8120/26

Suġġett: *Tnejnija għall-Kunsill (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) tat-28 u d-29 ta' Meju 2026*
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas tal-Unjoni Ewropea għad-diplomazija dwar ix-xjenza
- Adozzjoni

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

dwar qafas tal-Unjoni Ewropea għad-diplomazija dwar ix-xjenza

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292, flimkien mal-Artikolu 182 (5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ix-xjenza hija ben pubbliku globali, li tespandi l-fruntieri tal-għarfien u tiżviluppa soluzzjonijiet għall-benefiċċju tal-umanità permezz ta' riċerka fundamentali u applikata, fis-setturi pubbliċi u privati kollha.
- (2) Il-lingwa universali tax-xjenza għandha l-ħila li tgħaqqad u li tispira lin-nies u lin-nazzjonijiet.
- (3) Ix-xjenza minn dejjem kienet xprunatur tal-integrazzjoni Ewropea u tikkontribwixxi għat-tiswir tal-identità Ewropea bbażata fuq prinċipji u valuri kondiviżi.
- (4) Ix-xjenza, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni għolja huma elementi ewlenin tas-setgħa ta' persważjoni tal-Unjoni u jikkontribwixxu għat-tiżiħ tar-relazzjonijiet tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi.

- (5) Hemm bżonn li jiġi żgurat li s-sistema internazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni tkun kemm miftuħa kif ukoll sigura, skont il-prinċipju "kemm jista' jkun miftuħ, magħluq kemm meħtieġ", f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tiżi tas-sigurtà tar-riċerka¹.
- (6) Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma fil-qalba tal-kompetittività, ir-reżiljenza, il-prosperità u l-benesseri tas-soċjetà tal-Unjoni, filwaqt li jikkontribwixxu wkoll għall-protezzjoni tal-interessi u l-valuri tagħha.
- (7) Orizzont Ewropa huwa l-akbar programm multilaterali ta' riċerka u innovazzjoni fid-dinja, peress li huwa miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-assoċjazzjoni mal-programm minn pajjiżi sħab fdati fil-viċinat tal-Unjoni u lil hinn, kif ukoll għall-parteċipazzjoni ta' riċerkaturi madwar id-dinja.
- (8) L-inizjattiva "Agħżel l-Ewropa għax-Xjenza"² timmira biex ittejjeb l-attrazzjoni tal-Unjoni għar-riċerkaturi minn madwar id-dinja kollha, b'mod partikolari permezz tal-għotjiet mill-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC)³, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska Curie (MSCA)⁴ u l-istrumenti pprovduti fil-livelli nazzjonali u, fejn xieraq, f'dak sottonazzjonali.
- (9) L-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji, bħall-intelliġenza artifiċjali (IA) jew il-kwantum, jikkontribwixxu għaż-żieda fil-kompetizzjoni globali u għandhom impatti profondi fuq il-ħajja tan-nies. L-użu tal-IA fix-xjenza bħala forza trasformattiva joħloq opportunitajiet kif ukoll sfidi bla preċedent, relatati pereżempju mal-proprjetà intellettwali, il-governanza tad-data, il-pubblikazzjoni xjentifika, il-kondiviżjoni tal-mudelli, l-aċċess għall-għarfien u l-computing, kif ukoll l-etika u l-integrità xjentifika.

¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2024 dwar it-tiżi tas-sigurtà tar-riċerka, ĠU C 3510, 30.5.2024.

² https://commission.europa.eu/topics/research-and-innovation/choose-europe_en

³ <https://erc.europa.eu/homepage>

⁴ <https://marie-sklodowska-curie-actions.ec.europa.eu/>

- (10) L-Unjoni qed tiffaċċa ambjent ġeopolitiku imprevedibbli kkaratterizzat minn pressjoni dejjem akbar fuq il-kooperazzjoni internazzjonali, id-demokrazija, il-multilateraliżmu, l-istat tad-dritt u x-xjenza nnifisha.
- (11) L-atturi statali u mhux statali qed jeżerċitaw pressjoni dejjem akbar fuq il-beni komuni globali, inkluż fuq l-ispazji lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali.
- (12) Il-progress ma kienx sodisfaċenti fl-ilħuq tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli⁵ u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, jew fir-riżoluzzjoni tal-kriżi planetarja tripla tat-tibdil fil-klima, tat-telf tal-bijodiversità u tat-tniġġis, u li tirrikjedi sforzi konġunti bejn il-pajjiżi infurmati b'evidenza xjentifika.
- (13) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma fost il-faċilitaturi ewlenin tal-korpi intergovernattivi globali tal-politika tax-xjenza bħall-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC)⁶ u l-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (IPBES)⁷ u l-Bord Intergovernattiv tal-Politika tax-Xjenza dwar is-Sustanzi Kimiċi, l-Iskart u biex jiġi miġġieled it-Tniġġis (ISP-CWP)⁸.
- (14) Ir-riċerka tipprovdi l-evidenza meħtieġa biex tinfed il-ftehimiet internazzjonali u tappoġġa d-deċiżjonijiet ta' politika f'firxa wiesgħa ta' diplomaziji settorjali meta rilevanti.
- (15) Il-politika estera u ta' sigurtà, inkluża l-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK), għandha impatt fuq il-politiki tar-riċerka u l-innovazzjoni, kemm direttament, eż. billi timponi restrizzjonijiet fuq l-involviment ma' ċerti sħab u kompetituri internazzjonali, u indirettament, eż. billi tiffaċilita l-kooperazzjoni internazzjonali u toħloq kundizzjonijiet ekwi.

5 <https://sdgs.un.org/2030agenda>

6 <https://www.ipcc.ch/>

7 <https://www.ipbes.net/>

8 <https://www.unep.org/isp-cwp>

- (16) Hekk kif l-għarfien, ir-riċerka u l-innovazzjoni qed jissarrfu aktar minn qatt qabel f'setgħa u influwenza ġeopolitika, Unjoni b'saħħitha u indipendenti tibbenefika minn kapitalizzazzjoni aħjar tal-assi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni u mill-bini ta' diversità ta' sħubijiet strateġiċi.
- (17) Minħabba r-rabta dejjem akbar bejn ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, minn naħa waħda, u l-politika estera u ta' sigurtà, min-naħa l-oħra, kif rifless f'bosta dokumenti ta' politika tal-Unjoni⁹ u rapporti ewlenin reċenti¹⁰, hemm bżonn ta' qafas tal-Unjoni Ewropea għad-diplomazija dwar ix-xjenza.

⁹ Fost l-oħrajn, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, COM(2021) 252 final tat-18.5.2021 u l-konklużjonijiet relatati tal-Kunsill, 12301/21 tat-28.9.2021; il-Komunikazzjoni Konġunta dwar it-tishiġ tal-kontribut tal-UE għall-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli, JOIN(2021) 3 final tas-17.2.2021; il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prinċipji u l-valuri għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni, 10125/22 tal-10.6.2022; il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tishiġ tar-rwol u l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-proċess tat-tfassil tal-politika fl-Unjoni, 16450/23 tat-8.12.2023; il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija Ewropea dwar l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija, COM(2025) 497 final/2 tat-30.9.2025; il-Komunikazzjoni Konġunta dwar it-tishiġ tas-sigurtà ekonomika, JOIN(2025) 977 final tat-3.12.2025; ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2024 dwar it-tishiġ tas-sigurtà tar-riċerka (ĠU C, C/2024/3510, 30.5.2024).

¹⁰ Enrico Letta, *Much more than a market – Speed, Security, Solidarity. Empowering the Single Market to deliver a sustainable future and prosperity for all EU Citizens*, 2024; Il-Kummissjoni Ewropea: *The future of European competitiveness. Part A, A competitiveness strategy for Europe*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025; Il-Kummissjoni Ewropea: *Align, act, accelerate – Research, technology and innovation to boost European competitiveness*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024; Il-Kummissjoni Ewropea: *A European framework for science diplomacy – Recommendations of the EU Science Diplomacy Working Groups*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

- (18) Billi tgħaqqad u ssaħħaħ id-djalogu bejn ix-xjenza u d-diplomazija, id-diplomazija dwar ix-xjenza għandha rwol vitali
- a) fis-salvagwardja u l-promozzjoni tal-valuri demokratiċi, tal-interessi strateġiċi u tas-sovranità teknoloġika u tad-data tal-Unjoni;
 - b) fit-tiżiħ tal-pożizzjoni tal-Unjoni bħala wieħed mill-atturi globali ewlenin fix-xjenza u t-teknoloġija permezz ta' kooperazzjoni xjentifika internazzjonali miftuħa u sigura;
 - c) fit-tiżiħ tal-fiduċja fix-xjenza, filwaqt li trawwem l-adozzjoni ta' prospettiva u pariri xjentifiċi fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u l-promozzjoni tal-involvement pubbliku;
 - d) fil-massimizzazzjoni tal-impatt tal-potenzjal tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni għall-kisba tal-paċi, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-multilateraliżmu u ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli; u
 - e) fit-tiżiħ tal-impenn tal-Unjoni għall-ġestjoni sostenibbli tal-beni komuni pubbliċi globali, il-ġlieda kontra l-kriżi planetarja tripla tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-biodiversità u t-tniġġis, u l-kontribut għall-kisba tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.
- (19) Jenħtieġ li d-diplomazija dwar ix-xjenza tal-Unjoni
- a) tibqa' bbażata b'mod sod fil-qalba tal-valuri tal-Unjoni, kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, inkluż il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;

- b) tkun ibbażata b'mod partikolari fuq il-prinċipji u l-valuri li jirfdu l-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni - kif deskritt fl-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni¹¹, il-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa¹², id-Dikjarazzjoni ta' Marsilja dwar il-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni¹³ u d-Dikjarazzjoni ta' Brussell "Djalogu multilaterali dwar il-prinċipji u l-valuri għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni"¹⁴ - b'mod partikolari l-libertà akkademika u l-libertà tar-riċerka xjentifika, l-eċċellenza xjentifika, l-etika u l-integrità tar-riċerka, is-sigurtà tar-riċerka, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, id-diversità u l-inklużività, ix-xjenza miftuħa u d-data miftuħa, u t-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza;
- c) għandha titwettaq b'rispett sħiħ tal-kompetenzi rispettivi, kif definiti mit-Trattat, u f'koerenza mal-azzjoni esterna u l-programmi rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari Orizzont Ewropa.
- (20) Jenħtieġ li d-diplomazija dwar ix-xjenza ma sservix bħala mekkaniżmu biex iddgħajjef is-sanzjonijiet fil-livell tal-Unjoni.
- (21) L-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO) u organizzazzjonijiet multilaterali oħra jrawmu djalogi globali u reġjonali dwar id-diplomazija tax-xjenza li jenħtieġ li l-Unjoni tikkontribwixxi għalihom.
- (22) Biex tkompli taħdem għall-interessi tagħha u tinvolvi atturi statali u mhux statali, jenħtieġ li l-Unjoni taġixxi b'mod strateġiku u kkoordinat f'termini ta' diplomazija dwar ix-xjenza fil-konfront tas-sħab u l-kompetituri globali tagħha, li qed jinvestu fil-kapaċitajiet ta' diplomazija dwar ix-xjenza tagħhom stess.

¹¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, COM(2021)252 final tat-18.5.2021.

¹² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa, ĠU L 431, 2.12.2021.

¹³ <https://www.enseignementsup-recherche.gouv.fr/sites/default/files/2022-03/d-claration-de-marseille--17072.pdf>

¹⁴ https://research-and-innovation.ec.europa.eu/document/download/94d6bb42-1fe7-478c-b6b4-d0be4dfb0204_en?filename=brussels-ministerial-statement-2024-02.pdf

- (23) Hemm bżonn li jissaħħu s-sħubijiet ekwi u ta' benefiċċju reċiproku man-Nofsinhar Globali, b'mod partikolari f'reġjuni ta' rilevanza strateġika għall-Unjoni, inkluż permezz tal-Inizjattivi tat-Tim Ewropa tal-Global Gateway u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni triangolari, sabiex jiġu appoġġati r-riċerkaturi żgħażaġh u ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ, tissaħħaħ il-kapaċità xjentifika, jiġu indirizzati l-asimmetriji fir-riċerka, jiġi promoss il-ħolqien konġunt tal-għarfien, u jiġu indirizzati l-isfidi globali kondiviżi.
- (24) Diversi Stati Membri qed jiżviluppaw u jadottaw strateġiji nazzjonali tad-diplomazija dwar ix-xjenza u jsaħħu l-kapaċitajiet xjentifiċi u teknoloġiċi fis-servizzi diplomatiċi tagħhom f'pajjiżhom u barra mill-pajjiż.
- (25) Minħabba l-għadd kbir ta' attivitajiet li għaddejjin, huwa meħtieġ li titrawwem il-koerenza u jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi fid-diplomazija dwar ix-xjenza, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri. Għal dan l-għan, huma meħtieġa l-koordinazzjoni, it-tagħlim bejn il-pari u l-iskambju tal-aħjar prattiki, u, fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni ttipprovdi gwida u assistenza mfassla apposta lill-Istati Membri, filwaqt li tqis is-sitwazzjonijiet speċifiċi u d-disparitajiet eżistenti tagħhom.
- (26) Id-diplomazija dwar ix-xjenza tista' tikkontribwixxi għall-avvanz u l-kisba taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER), kemm internament kif ukoll fir-rigward tad-dimensjoni esterna tagħha. Għalhekk, l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni Ewropea għad-diplomazija dwar ix-xjenza ġie inkluż fl-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027¹⁵ li jikkontribwixxi għall-ħidma fuq il-kunċett tal-"ħames libertà" – is-Suq Uniku għar-riċerka u l-innovazzjoni¹⁶.

¹⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2025 dwar l-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2025-2027, ĠU C, C/2025/3593, 30.6.2025.

¹⁶ Enrico Letta, idem.

- (27) L-Unjoni tibni fuq legat b'saħħtu ta' inizjattivi li sawwar id-diplomazija dwar ix-xjenza fil-livell dinji, inkluż l-Organizzazzjoni Ewropea għar-Riċerka Nukleari (CERN)¹⁷ u l-Istitut Internazzjonali għall-Analiżi tas-Sistemi Applikati (IIASA)¹⁸. F'dawn l-aħħar snin, inħolqot komunità Ewropea vibranti ta' akkademiċi u prattikanti tad-diplomazija dwar ix-xjenza, li wasslet, pereżempju, għall-ħolqien tal-Alleanza tal-UE għad-Diplomazija dwar ix-Xjenza¹⁹ u n-Network tad-Diplomazija u tal-Pariri dwar ix-Xjenza tal-Ministeri għall-Affarijiet Barranin tal-UE²⁰.
- (28) Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jstabbilixxu lilhom infushom bħala mexxejja globali fid-diplomazija dwar ix-xjenza, sabiex jiddefendu l-interessi tagħhom stess, jipromwovu l-valuri Ewropej, u jservu l-ben pubbliku globali.
- (29) Għall-finijiet ta' din ir-rakkomandazzjoni:
- "xjenza" tirreferi għall-istudju sistematiku tal-istruttura u l-imġiba tad-dinja fiżika u soċjali permezz tal-osservazzjoni, l-esperimentazzjoni, l-analiżi, l-interpretazzjoni u l-ittestjar tat-teoriji mal-evidenza empirika miksuba. Din tinkludi x-xjenzi naturali, it-teknoloġija, l-inġinerija, il-matematika u l-mediċina, kif ukoll ix-xjenzi soċjali, l-istudji umanistiċi u l-arti, u tkopri kemm ir-riċerka fundamentali kif ukoll dik applikata fis-setturi pubbliċi u privati;
 - "diplomazija" tirreferi għat-twettiq ta' relazzjonijiet internazzjonali minn atturi statali u mhux statali permezz ta' mezzi paċifiċi bħad-djalogu u n-negozjati, inkluż permezz ta' rappreżentanti barra mill-pajjiż;
 - "diplomazija dwar ix-xjenza" tirreferi għall-użu dirett jew indirett tax-xjenza, l-evidenza xjentifika u l-kooperazzjoni xjentifika biex tiġi infurmata u appoġġata l-politika barranija f'livelli differenti, kif ukoll l-użu tad-diplomazija biex tappoġġa u tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali u l-progress xjentifiku.

¹⁷ <https://home.cern/>

¹⁸ <https://iasa.ac.at/>

¹⁹ <https://www.science-diplomacy.eu/>

²⁰ https://research-and-innovation.ec.europa.eu/strategy/strategy-research-and-innovation/europe-world/international-cooperation/science-diplomacy_en#eu-ministries-of-foreign-affairs-science-diplomacy-and-advice-network

- (30) Din ir-rakkomandazzjoni la taffettwa l-kompetenzi tal-Istati Membri fi kwalunkwe qasam ta' politika, inkluż il-politika estera u ta' sigurtà, u lanqas l-awtonomija u l-indipendenza tal-istituzzjonijiet xjentifiċi.

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI, b'kunsiderazzjoni sħiħa għas-sussidjarjetà, il-proporzjonalità, l-awtonomija istituzzjonali u l-libertà akkademika, u f'konformità mal-ispeċifitàjiet nazzjonali tal-Istati Membri, il-punti ta' tluq differenti u l-kompetenzi tagħhom skont it-Trattat, u b'kont meħud tal-ħtieġa għall-ottimizzazzjoni tar-riżorsi, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, jieħdu l-azzjonijiet strateġiċi, operazzjonali u abilitanti li ġejjin:

Azzjonijiet strateġiċi

1. jagħrfu l-importanza tad-diplomazija dwar ix-xjenza bħala komponent tal-politiki tagħhom dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni u tal-politiki barranin u ta' sigurtà kif ukoll il-kontribut tagħha għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni billi jirrikonoxxu l-potenzjal tagħha fl-istrateġiji ta' politika rilevanti;
2. f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jimmassimizzaw l-impatt tad-diplomazija dwar ix-xjenza għall-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni, inkluż il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-paċi u l-multilateraliżmu;
3. jagħrfu l-potenzjal tad-diplomazija dwar ix-xjenza għat-trawwim ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali fix-xjenza, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u jużaw azzjonijiet ta' diplomazija dwar ix-xjenza biex l-Unjoni tiġi pożizzjonata bħala mexxejja globali tal-libertà akkademika, il-libertà tar-riċerka xjentifika, ix-xjenza miftuħa u l-kooperazzjoni internazzjonali miftuħa u sigura fir-riċerka, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, inkluż permezz tal-inizjattiva "Agħżel l-Ewropa għax-Xjenza" abbażi ta' approċċ ta' Tim Ewropa, u permezz tal-assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi mal-Programmi Orizzont Ewropa u Euratom;

4. f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jisfruttaw id-diplomazija dwar ix-xjenza biex ikomplu jaħdmu għall-interessi tal-kompetittività, ir-reżiljenza, il-prosperità u l-benesseri tas-soċjetà tal-Unjoni, pereżempju biex jippożizzjonaw aħjar l-opportunitajiet offruti mis-sħubijiet mal-Unjoni, inkluż permezz tal-istrateġija Global Gateway²¹, biex jipromwovu t-teknoloġiji Ewropej, biex jappoġġaw ir-rwol tal-Unjoni fl-istabbiliment ta' standards tekniċi globali, kif ukoll is-sovranità tat-teknoloġija u tad-data tal-Unjoni, abbażi tal-prinċipju tar-reċiproċità f'termini ta' ftuħ u kondiviżjoni tad-data;
5. f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, irawmu djalogi interdixxiplinari u transdixxiplinari fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u sottonazzjonali bejn id-diversi atturi tad-diplomazija dwar ix-xjenza dwar l-ibbilanċjar tal-għanijiet xjentifiċi mal-interessi tal-politika estera u ta' sigurtà, filwaqt li jqisu b'mod partikolari l-ħtieġa li: (a) jiġu vvalutati l-impatti tar-restrizzjonijiet fuq il-kooperazzjoni xjentifika internazzjonali; (b) jiġu identifikati u mitigati r-riskji għas-sigurtà ekonomika u tar-riċerka, b'mod partikolari f'oqsma teknoloġiċi kritiċi u sensittivi; u (c) jiġi esplorat u sfruttat il-potenzjal tad-diplomazija dwar ix-xjenza biex titħejja t-triq għar-riċerka u l-innovazzjoni u għall-azzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà;
6. f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, b'kunsiderazzjoni xierqa tat-tħassib dwar is-sigurtà marbut ma' teknoloġiji b'użu doppju u teknoloġiji sensittivi oħra, jidentifikaw oqsma speċifiċi li fihom id-diplomazija dwar ix-xjenza tista' tintuża bħala għodda għall-bini tal-fiduċja għaż-żamma u l-promozzjoni tad-djalogu ma' pajjiżi terzi, kull meta jkun meqjus ta' benefiċċju u f'konformità mal-politika estera u ta' sigurtà, filwaqt li jiżguraw li tali djalogu ma jwassalx għat-trasferiment mhux awtorizzat ta' għarfien sensittiv lil servizzi militari jew ta' intelligence barranin, jew jimmina s-sanzjonijiet fil-livell tal-Unjoni;

²¹ https://commission.europa.eu/topics/international-partnerships/global-gateway_mt

7. kull meta tista' żżid il-valur għall-proċessi ta' politika eżistenti, jużaw id-diplomazija dwar ix-xjenza biex javvanzaw l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, biex jappoġġaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali, biex jindirizzaw l-isfidi tas-sostenibbiltà globali, inkluż f'ambjenti fraġli u ġeopolitikament strateġiċi bħall-Artiku, il-Mediterran, il-Fruntiera tal-Lvant tal-UE u l-Balkani tal-Punent, u biex jimmaniġġaw b'mod sostenibbli l-beni komuni globali f'ambjent ġeopolitiku frammentat, inkluż spazji lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali bħall-ibħra internazzjonali u l-baħar fond, l-Antartika, l-Orbita Dinjija Baxxa, il-qamar u oġġetti ċelesti oħra, kif ukoll beni komuni bħall-ispettru tar-radju u sema skur u kwiet;
8. f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jippromwovu t-tmexxija tal-Unjoni fid-diplomazija dwar ix-xjenza globali billi: (a) jinvolvu ruħhom fid-diskors tad-diplomazija dwar ix-xjenza globali kif promoss mill-UNESCO u minn fora internazzjonali oħra, u billi (b) isaħħu r-rabtiet u jibnu alleanzi ma' sħab fdati madwar id-dinja, iggwidati mill-interessi komuni tal-Unjoni u tal-Istati Membri u bbażati fuq prinċipji u valuri komuni fir-riċerka u l-innovazzjoni;
9. filwaqt li jibnu fuq eżempji ta' suċċess bħad-Dawl Sincrotron għax-Xjenza Sperimentali u Applikazzjonijiet fil-Lvant Nofsani (SESAME)²², jużaw id-diplomazija dwar ix-xjenza biex jiffaċilitaw l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' infrastrutturi internazzjonali tar-riċerka, u b'hekk jippromwovu l-ambizzjoni u s-setgħa tal-Unjoni li tlaqqa';
10. f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jippożizzjonaw l-infrastrutturi Ewropej tar-riċerka u t-teknoloġija bħala assi strateġiċi tas-setgħa ta' persważjoni tal-Unjoni fid-diplomazija dwar ix-xjenza²³ u bħala muturi ewlenin tal-awtonomija strateġika u l-eċċellenza xjentifika tal-Unjoni, filwaqt li jikkapitalizzaw fuq il-potenzjal tagħhom li jattiraw l-aħjar talent, fuq il-kontribut tagħhom għall-innovazzjoni, ir-riċerka rivoluzzjonarja, il-ġenerazzjoni tal-għarfien, l-istabbiliment tal-istandards u l-kondiviżjoni ta' data traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli (FAIR), u fuq ir-rwol tagħhom fl-avvanz tar-relazzjonijiet bilaterali u multilaterali;

²² <https://www.sesame.org.jo/>

²³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija Ewropea għall-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija, COM(2025) 497 final/2 tat-30.9.2025 <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/>

Azzjonijiet operazzjonali

11. meta ma jkunux diġà fis-seħħ u filwaqt li jibnu fuq strutturi eżistenti, jikkunsidraw li jistabbilixxu arranġamenti ta' appoġġ adegwati għall-koordinazzjoni tad-diplomazija dwar ix-xjenza fil-gvern kollu u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin f'livelli differenti, inkluż bil-ħatra ta' koordinatur nazzjonali tad-diplomazija dwar ix-xjenza, jekk xieraq, u billi jesploraw sinerġiji ma' diplomaziji settorjali oħra, bħad-diplomazija dwar il-klima, l-ambjent, l-ilma, l-oċeani, il-polari, l-ispazju, l-enerġija u s-saħħa, b'enfasi partikolari fuq ir-rabtiet inkroċjati mad-diplomazija teknoloġika u diġitali kif ukoll id-diplomazija kulturali;
12. meta rilevanti u f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, kif xieraq, jikkunsidraw li jfasslu pjanijiet direzzjonali nazzjonali għal azzjonijiet ta' diplomazija dwar ix-xjenza mmexxija mill-interess u l-valur, li għandhom jiġu aġġornati f'intervalli regolari, abbażi ta': (a) l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet u interessi tematiċi u ġeografiċi strateġiċi fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u, fejn xieraq, sottonazzjonali miftiehma bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti tad-diplomazija dwar ix-xjenza, u (b) valutazzjoni tal-interessi reċiproċi u l-opportunitajiet għall-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u pajjiżi mhux tal-UE f'oqsma speċifiċi, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni u l-assoċjazzjoni ta' Orizzont Ewropa;

13. jirrieżaminaw u, jekk ikun meħtieġ, isaħħu l-konsulenza xjentifika u l-mekkaniżmi ta' prospettiva tal-ministeri għall-affarijiet barranin u ministeri rilevanti oħra, bil-ħsieb li jiġu identifikati lakuni fil-kapaċità u jiġu żviluppati rakkomandazzjonijiet għat-titjib ta' dawn il-mekkaniżmi ta' xjenza għall-politika, inkluż permezz tat-tqegħid possibbli ta' riċerkaturi u persunal tar-riċerka²⁴ bħala konsulenti xjentifiċi fis-servizzi diplomatiċi, kif xieraq, filwaqt li jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda mill-mekkaniżmi eżistenti ta' konsulenza xjentifika fil-livell globali, tal-Unjoni, nazzjonali u sottonazzjonali, u b'hekk jappoġġaw sforzi usa' għall-promozzjoni tal-użu ta' evidenza xjentifika fit-tfassil tal-politika pubblika²⁵, inkluż permezz tal-Azzjoni taż-ŻER dwar l-Avvanz tax-Xjenza Ewropea għall-Politika;
14. jirrieżaminaw u jsaħħu, fejn applikabbli, il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni diplomatika u internazzjonali tal-ministeri għax-xjenza u strutturi rilevanti oħra fir-riċerka u l-innovazzjoni, billi jidentifikaw lakuni fil-kapaċità u jiżviluppaw miżuri biex itejbu l-ħiliet diplomatiċi f'dawn il-mekkaniżmi, inkluż permezz tat-tqegħid possibbli ta' konsulenti diplomatiċi ta' esperjenza fl-istituzzjonijiet xjentifiċi;

²⁴ Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2023 dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa, ĠU C 1640, 29.12.2023.

²⁵ F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-rwol u l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-proċess tat-tfassil tal-politika fl-Unjoni, 16450/23 tat-8.12.2023.

15. f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, isaħħu l-involvement tal-Unjoni fl-organizzazzjonijiet internazzjonali bbażati fuq ix-xjenza u l-appoġġ tagħha għalihom b'mod koordinat, fejn possibbli, inkluż f'pjattaformi intergovernattivi globali tal-politika tax-xjenza, u jsaħħu l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali mhux governattivi attivi fil-qasam tad-diplomazija dwar ix-xjenza bħall-Kunsill Internazzjonali tax-Xjenza (ISC)²⁶ u l-Antiċipatur tax-Xjenza u d-Diplomazija ta' Ġinevra (GESDA)²⁷ kif ukoll organizzazzjonijiet li jaħdmu fuq standards u konvenzjonijiet tekniċi;
16. f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, joħolqu networks u sinerġiji bejn l-attachés tax-xjenza u t-teknoloġija fir-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri madwar id-dinja, sabiex jimmassimizzaw l-impatt tagħhom fuq terminu qasir u twil u jagħmlu użu aħjar mir-riżorsi eżistenti, inkluż dawk ta' networks nazzjonali u pjattaformi diġitali, filwaqt li jżommu l-enfasi fuq il-koordinazzjoni aktar milli l-ħolqien ta' strutturi ġodda, u jevitaw piż amministrattiv bla bżonn;
17. f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jappoġġaw is-sensibilizzazzjoni tad-diplomazija dwar ix-xjenza tal-Unjoni billi japplikaw approċċ strutturat lejn id-dijaspora xjentifika tal-Istati Membri, jassistu fil-ħolqien ta' networks rilevanti f'kooperazzjoni mas-servizzi ta' skambju akkademiku u mekkaniżmi rilevanti eżistenti oħra, jagħmlu użu aħjar min-networks ta' programmi u skemi ta' mobbiltà tal-alumni nazzjonali u tal-Unjoni bħall-Marie Curie Alumni Association²⁸ u l-Erasmus Mundus Association²⁹ u billi jikkapitalizzaw fuq avvenimenti stabbiliti sew li jippromwovu l-interazzjoni bbażata fuq ix-xjenza bejn persuni li jappartjenu għal diviżjonijiet ġeopolitiċi differenti;
18. jiżviluppaw approċċ strateġiku lejn l-akkademiċi u r-riċerkaturi refuġjati friskju bil-għan li jiffaċilitaw il-kontribut kontinwat tagħhom għar-riċerka u l-innovazzjoni, abbażi tal-prinċipji u l-valuri li tirrappreżenta l-Unjoni, filwaqt li jimplimentaw is-salvagwardji meħtieġa;

²⁶ <https://council.science/>

²⁷ <https://www.gesda.global/>

²⁸ <https://www.mariecuriealumni.eu/>

²⁹ <https://www.em-a.eu/>

19. jaħdmu lejn kooperazzjoni man-Nofsinhar Globali li tħalli impatt billi jibnu sħubijiet ekwi ta' diplomazija dwar ix-xjenza li jrawmu l-kontribut tal-għarfien u l-kompetenza esperta lokali għal sfidi globali kondiviżi, u jipprovdu opportunitajiet għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, u b'hekk jindirizzaw ukoll l-asimmetriji fil-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni;

Azzjonijiet abilitanti

20. irawmu rabtiet bejn, minn naħa waħda, is-servizzi diplomatiċi tal-Istati Membri, u, min-naħa l-oħra, l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka, l-universitajiet u istituzzjonijiet oħra tal-edukazzjoni għolja, inkluż l-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, il-finanzjaturi tar-riċerka, ir-riċerkaturi u l-persunal tar-riċerka, kif ukoll is-soċjetà ċivili u l-atturi mhux statali, li jistgħu jifitħu toroq ġodda għall-innovazzjoni u jsaħħu s-sħubijiet globali lil hinn mill-kanali tradizzjonali bejn il-gvern u l-akkademja;
21. f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jappoġġaw l-iżvilupp ta' narrattivi pożittivi tad-diplomazija dwar ix-xjenza mirfuda minn riċerka multidixxiplinari u interdixxiplinari, u sistematikament jinkludu x-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi, u t-tixrid ta' dawn is-sejbiet permezz ta' pubblikazzjonijiet xjentifiċi, il-komunikazzjoni u l-involvement mal-pubbliku, bil-għan li jissaħħu l-fiduċja fix-xjenza u l-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni, tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni, u jiġu protetti d-demokrazija, il-libertà u l-multilateraliżmu;

22. jippromwovu l-multilingwiżmu fid-diplomazija dwar ix-xjenza u d-diversità lingwistika fix-xjenza f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet tal-G20 dwar l-Involviment fix-Xjenza³⁰;
23. jinkoraġġixxu, b'rispett sħiħ tal-kompetenzi nazzjonali fl-edukazzjoni u l-libertà akkademika, l-integrazzjoni ta' elementi relatati mad-diplomazija dwar ix-xjenza, ir-rwol tax-xjenza fil-kooperazzjoni internazzjonali u t-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza fil-programmi rilevanti tal-edukazzjoni u t-taħriġ, sabiex ikun hemm sensibilizzazzjoni fost il-ġenerazzjonijiet żgħażaġh dwar ir-rabtiet bejn ix-xjenza, il-politika u l-isfidi globali, pereżempju billi jitrawmu ambaxxaturi żgħażaġh għad-diplomazija dwar ix-xjenza jekk ikun mixtieq;
24. f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet akkademiċi, jikkunsidraw li jipprovdu taħriġ fid-diplomazija dwar ix-xjenza lix-xjenzati u lid-diplomatiċi kif ukoll lill-professjonisti li jaħdmu fl-interfaċċa bejn ix-xjenza u d-diplomazija f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż billi jintegraw moduli tad-diplomazija dwar ix-xjenza fil-programmi ta' studju tal-akkademji diplomatiċi u fit-taħriġ ta' diplomatiċi qabel l-istazzjonar tagħhom barra.

JIRRAKKOMANDA LI L-KUMMISSJONI tiegħu l-azzjonijiet li ġejjin b'mod partikolari biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-punti 1 sa 24 ta' din ir-rakkomandazzjoni:

25. tappoġġa l-immappjar tal-atturi, tal-istrateġiji u tal-offerti ta' taħriġ tad-diplomazija dwar ix-xjenza tal-Unjoni u tal-isforzi tad-diplomazija dwar ix-xjenza mis-sħab u mill-kompetituri tal-Unjoni bil-għan li tinkiseb ħarsa ġenerali lejn l-oqfsa nazzjonali eżistenti u r-riżorsi u l-aħjar Prattiki tad-diplomazija dwar ix-xjenza disponibbli bħalissa kif ukoll tal-ambjent globali tad-diplomazija dwar ix-xjenza li fih joperaw l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn l-Istati Membri;

³⁰ https://g7g20-documents.org/fileadmin/G7G20_documents/2025/G20/South%20Africa/Sherpa-Track/Research%20and%20Innovation%20Ministers/1%20Ministers'%20Language/Research%20and%20Innovation_Recommendations%20on%20Science%20Engagement_23.09.2025.pdf

26. issaħħaħ il-monitoraġġ tal-iżviluppi rivoluzzjonarji fir-riċerka, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, bħaż-żieda fl-użu tal-IA fix-xjenza fil-qafas tal-politika ġenerali tal-Unjoni dwar l-IA³¹, billi tivvaluta l-implikazzjonijiet tagħhom għall-kollaborazzjoni xjentifika, l-integrità tar-riċerka, l-etika, il-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali u l-kompetittività u r-reżiljenza tal-Unjoni, u l-ħolqien tal-valur u s-sovranità teknoloġika, u tippromwovi użu ċċentrat fuq il-bniedem, responsabbli, trasparenti, ekwu u sigur ta' dawn it-teknoloġiji fil-livell globali;
27. tippermetti skambju regolari bejn ix-xjenzati u d-diplomatiċi, u mal-esperti li jaħdmu fl-interfaċċa tat-tnejn, permezz tal-istabbiliment ta' Pjattaforma Ewropea virtwali tad-Diplomazija dwar ix-Xjenza bbażata fuq approċċ ta' Tim Ewropa u mibnija, meta possibbli, fuq pjattaformi u networks eżistenti tal-Unjoni, li jista' jservi biex jiġu identifikati suġġetti għal azzjoni konġunta ta' diplomazija dwar ix-xjenza fil-konfront ta' pajjiżi u reġjuni rilevanti ta' interess għall-Unjoni;
28. tistabbilixxi grupp ta' kuntatt ad hoc fil-qafas eżistenti taż-ŻER (eż. is-Sottogrupp Permanenti tal-Forum taż-ŻER dwar l-Approċċ Globali) li jista' jiġi attivat ad hoc biex jappoġġa l-iżvilupp ta' rispons komuni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni meta jkun meħtieġ b'reazzjoni għall-iżviluppi ġeopolitiċi, bħat-theddid għas-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, l-aggressjonijiet militari jew ir-rigress demokratiku, inkluż billi jappoġġa l-valutazzjoni tar-riskju koordinata u l-ippjanar ta' kontinġenza għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka;

³¹ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/policies/ai-office>

29. tintegra l-qafas tal-Unjoni Ewropea għad-diplomazija dwar ix-xjenza fil-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni u programmi oħra tal-Unjoni, inkluż il-programm għar-riċerka u t-taħriġ tal-Euratom, billi trawwem strumenti bħall-inizjattiva "Agħżel l-Ewropa għax-Xjenza", bl-assoċjazzjoni ma' u l-parteċipazzjoni internazzjonali f'Orizzont Ewropa, bil-ftehimiet dwar ix-xjenza u t-teknoloġija, bil-proġetti Global Gateway, il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa³², il-Konsorzji Ewropej għall-Infrastruttura tar-Riċerka (ERICs)³³ u n-Network Eureka³⁴, kif ukoll b'inizjattivi mmirati lejn reġjuni u suġġetti ġeografiċi speċifiċi bħas-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) 2021-2027³⁵, bl-Aġenda tal-Innovazzjoni bejn l-UA u l-UE³⁶, bis-Sħubija għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw fis-Saħħa Globali (EDCTP) 2021-2027³⁷, bil-Missjoni Innovazzjoni³⁸, u bl-Alleanza għar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar l-Oċean Trans-Atlantiku (AAORIA)³⁹.
30. tiffaċilita l-istabbiliment ta' Ċentru ta' Diplomazija dwar ix-Xjenza fil-Mediterran kif imħabbar fil-Patt għall-Mediterran⁴⁰, ibbażat fuq attivitajiet eżistenti fir-reġjun, kif ukoll tiżviluppa azzjoni konġunta ta' diplomazija dwar ix-xjenza fil-Lvant Nofsani u miegħu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri (Azzjoni ta' Politika Konġunta), u ssaħħa id-djalogi dwar id-diplomazija dwar ix-xjenza ma' sħab multilaterali u internazzjonali ewlenin bħall-Unjoni Afrikana (UA), il-Komunità ta' Stati tal-Amerka Latina u tal-Karibew (CELAC), l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) u l-Asja Ċentrali, kif ukoll ma' pajjiżi kandidati tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni, kif xieraq;

32 <https://eosc.eu/>

33 <https://www.eric-forum.eu/>

34 <https://www.eurekanetwork.org/>

35 <https://prima-med.org/>

36 https://research-and-innovation.ec.europa.eu/system/files/2023-07/ec_rtd_au-eu-innovation-agenda-final-version.pdf

37 <https://www.edctp.org/>

38 <https://mission-innovation.net/>

39 <https://allatlanticocean.org/>

40 Il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Patt għall-Mediterran, JOIN(2025) 26 final tas-16.10.2025

31. issaħħaħ l-ġħoti ta' konsulenza xjentifika għall-politika estera u ta' sigurtà, b'mod partikolari permezz tal-attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC)⁴¹ u l-Mekkaniżmu għall-Konsulenza Xjentifika⁴² tal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni⁴³, inkluż billi tappoġġa djalogi internazzjonali f'kooperazzjoni ma' korpi internazzjonali ta' konsulenza xjentifika.

IMPLIMENTAZZJONI, KOMUNIKAZZJONI U RAPPORTAR

Huwa rakkomandat li l-Istati Membri jimplimentaw il-punti 1 sa 24 ta' din ir-rakkomandazzjoni skont is-sitwazzjonijiet speċifiċi tagħhom, malajr kemm jista' jkun.

Huwa rakkomandat li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkomunikaw dwar l-importanza tad-diplomazija dwar ix-xjenza lill-pubbliku ġenerali.

Huwa rakkomandat li l-Kummissjoni timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni bl-użu tal-istrutturi ta' governanza eżistenti taż-ŻER, b'mod partikolari s-Sottogrupp Permanenti tal-Forum taż-ŻER dwar l-Approċċ Globali, f'kooperazzjoni mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, bl-użu tal-Pjattaforma taż-ŻER u l-ġħodod ta' monitoraġġ rilevanti, u tirrapporta lura lill-Kunsill dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni kull sentejn, bħala parti mir-rappurtar biennali tagħha dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni. Ma hemmx bżonn li jinħolqu strutturi ġodda.

Huwa rakkomandat li s-Sottogrupp Permanenti tal-Forum taż-ŻER dwar l-Approċċ Globali jappoġġa l-istabbiliment ta' indikaturi komuni applikabbli għall-atturi kollha involuti fid-diplomazija dwar ix-xjenza tal-Unjoni, sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ koerenti u sistematiku tal-attivitajiet u l-progress tagħhom, u b'hekk ikun jista' jsir il-ġbir effiċjenti ta' informazzjoni kollettiva biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' azzjonijiet konverġenti fosthom.

⁴¹ https://joint-research-centre.ec.europa.eu/index_en

⁴² <https://scientificadvice.eu/>

⁴³ https://www.euda.europa.eu/publications/brochures/eu-ansa_mt

F'dan il-kuntest, l-Istati Membri mistiedna, fuq bażi volontarja u meta disponibbli, jikkondividu mal-Kummissjoni informazzjoni dwar l-approċċi u l-inizjattivi nazzjonali tagħhom bħala kontribut għall-attivitajiet ta' monitoraġġ u rappurtar tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
